MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1144/2003

**Limited**
**vs**
**Allegro Andante Limited**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur, fis-6 ta' Gunju, 2003, fejn intalab l-ammont ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (LM145.68) rapprezentanti prezz t'ghamara mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta fil-fond Allegro Andante Restaurant, f'San Giljan, fuq inkarigu taghha stess, skond ma jirrizulta mill-anness statement of account Dok. A.**

**Illi s-socjeta' konvenuta kienet interpellata thallas diversi drabi l-istess ammont, inkluz b'ittri ufficjali tat-2 t'Ottubru, 2001, debitament notifikata, izda baqghet dejjem inadempjenti minkejja diversi weghdi li kienet ser thallas;**

**Bl-ispejjez kollha tal-prezenti u dawk ta' l-ittra gudizzjarja msemmija u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta' konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma prezentatx risposta.**

**Sema' lill-Avv. Dr. Ian Spiteri Bailey jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadu dovut.**

**Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (LM145.68) bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------